MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru 225/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY PORTELLI ta' 48 sena, iben Edward u Yvonne nee' Fenech, imwieled il-Hamrun nhar is-6 ta' Awwissu, 1961, residenti fil-fond Chrismar, Triq it-Turisti, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 536861M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH MARY PORTELLI** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, falsifikazzjoni, jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella li zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni ta' firem ta' persuni ohra fuq biljetti ta' flus u cioe' Traveller cheques ta' Thomas Cook u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew biljetti ta' flus ta' Thomas Cook u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' biljetti ta' flus, jigifieri traveler cheques ta' Thomas Cook u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qlieghta' 1650US Dolars u 15x100 US Dollars, kif ukoll 100 x 57 US Dollars fi flus kontanti foloz bi hsara ghal Thomas Cook, Eurochange u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli xtara, jew ircievi, jew kellu fil-pussess tieghu, iffalsifika jew mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati, u

cioe' 100 x 57 US Dollars, ghad-detrimenet ta' Thomas Cook Exchange Bureau, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli safa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 12.07.1993 u 15.05.1996 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju Joseph Portelli wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 7);

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema kien hemm mahsub li setghet tinstab htija fil-konfront ta' l-akkuzat, u cioe':
L-Artikoli 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 167, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 151).

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza titratta dwar ammont kbir ta' dollari Amerikani ta' mitt Dollaru-il wahda depozitati dawn il-biljetti f'wahda mill-ferghat ta' Thomas Cook. Ir-reat addebitat jitratta wkoll dwar ammont ta' travelers' cheques imsarrfa, liema cheques jirrizultaw bhala misruqa. Id-dollari foloz gew depozitati u t-travelers cheques imsarrfa ilkoll mill-akkuzat Joseph Portelli.

Ghalhekk ix-xhieda mressqa dwar id-dollari jirrizulta s-segwenti. Xehed fi prima stanza l-Ex Spettur Ivan Portelli dwar ir-rapport li hu rcieva minn certu Carmel Farrugia fil-kapacita' tieghu ta' *security officer* tal-Bank of Valletta. Minn dan ir-rapport jirrizulta li dawn il-flus gew depozitati minn Thomas Cook Exchange Bureau.

Ghalhekk Carmel Farrugia kkonferma li l-bank kien ircieva ammont ta’ dollari li rrizultaw li kienu foloz. Mark Bonnici *accounts clerk* ma’ Thomas Cook xehed li gew accettati fl-ufficju taghhom ta’ San Giljan ammont ta’ $5,700 li minnhom $4,100 kienu foloz. Dan id-*deposit* sar minn Portelli. Dan jafu ghaliex meta jsir *deposit* ta’ ammont kbir dan isir f’*deposit* differenti. Jghid ukoll dan ix-xhud li darba li s-Sur Portelli gie nfurmat b’dan id-*deposit*, huwa kien irrifonda s-somma ta’ $4,100. Anke x-xhud Jane Pacve li kkonfermat li kien Joseph Portelli li ghamel id-depozitu tal-flus imsemmija. Xehdet ukoll li Portelli hallas lura s-somma gia’ msemmija. Fir-rigward ta’ dawn il-flus xehdet ukoll Daniela Meilak kaxxiera ma’ Thomas Cook. Xehdet dwar id-depozitu li kien ghamel Joseph Portelli. Dan id-depozitu sar f’biljetti ta’ mitt Dollar. Tghid fil-fatt din ix-xhud li stante li l-ammont kien jiddepozita Portelli kien wiehed konsiderevoli dawn gew maghduda f’*counting machine* u mhux bl-idejn. Tghid ix-xhud li fil-fatt Portelli ghamel zewg depoziti separati ta’ dollari u fid-darbtejn gew infurmati mill-HSBC, fejn allura gew depozitati l-flus, illi parti mid-Dollari kienu foloz. Bejn l-ewwel u t-tieni transazzjoni kien hemm differenza ta’ gurnata. Tikkonferma dan ix-xhud li wara dan l-incident hi kellha cans tara dawn il-flus foloz u li fuqhom kellhom miktub it-timbru *counterfeit* bi kliem jidhru (folio 76). Ikkonfermat ukoll pero li meta dawn il-flus gew depozitati lilha hi dan it-timbru ma ratux, anzi tghid illi fil-wicc dawn il-flus ma kinux. Anke Gerald DeGiovanni jikkonferma almenu depozitu wiehed li Portelli ghamel fil-konfront ta’ dawn id-dollari, liema flus gew maghduda b’magna. Dan ix-xhud hu anke ta’ l-opinjoni li f’okkazjoni minnhom Joseph Portelli kein stqarr mieghu li fir-rigward ta’ *deposit* minnhom hu kien jaf bil-fatt illi kien hemm xi flus foloz, pero ta’ dan il-fatt dan ix-xhud kellu biss impressjoni.

Frank Delmar ukoll ittella’ jixhed minhabba d-depozitu tad-Dollari foloz. Huwa nnega dak li stqarr l-akkuzat f’wahda mill-istqarrijiet minnu rrilaxxati (DOK JA1 folio 15 – 17) li kien hu li ta jew ahjar halla xi pakketti ma’ mart l-imputat, liema pakketti kellhom fihom Dollari Amerikani. Huwa nnega li hu qatt ta xi flus barranin lill-akkuzat u talbu biex isarrafhomlu. Anzi qal illi hu ghandu mara barranija u jekk

jithallas bi flus barranin, ghax xogholu *taxi driver*, jaghtiehom lill-mara tieghu biex tuzahom meta tmur *holiday*.

Dwar dawn il-flus foloz kif gie premess Joseph Mary Portelli rrilaxxa l-ewwel stqarrija (DOK JP1). Hawn tkellem dwar ix-xoghol tieghu u cioe' fil-kamp turistiku, ammetta li kien jithallas kemm bi flus Maltin kif ukoll barranin. Ikkonferma li fil-granet tat-18 ta' Novembru, 1999 iddepozita l-ammont ta' 27,000 Dollaru Amerikan u fit-22 ta' Novembru, 1999 is-somma ta' 15,000 Dollaru Amerikan. Jghid pero li dawn il-flus ma kinux tieghu pero ta' certu Frank Delmar. Dan kellu jaghmillu pjacir u jiddepozitahomlu. Meta gie muri l-flus foloz minnu depozitati, li fuqhom allura kien hemm ittimbrat il-kelma *counterfeit*, irrisponda li dawn huwa qatt ma kien rahom peress illi Delmar kien hallielu dawn il-flus mal-mara tieghu u allura qatt ma rahom hlief meta pprezentahom lil Daniela ta' Thomas Cook. Innega li hu avza lil Daniela bl-ezistenza tal-flus foloz stante li ma kienx jaf bl-ezistenza taghhom.

Dwar it-*travelers cheques* ukoll ittellghu diversi xhieda. Ghalhekk xehdet fl-ewwel lok l-Ex Spettur Helga Debono (vide xhieda a folio 21 – 22).

L-istess Spettur hadet it-tieni stqarrija ta' l-akkuzat DOK IP2 a folio …. Xehed ukoll Mark Gatt, direttur tal-Euro Change Financial Institution. Tkellem dwar *travelers cheques* li gew imsarrfa ma' l-istituzzjoni tieghu mill-impjegata Marisa Bugelli, liema *cheques* sussegwentement irrizultaw misruqa minghand Thomas Cook UK. Ghalhekk xehdet ukoll Marisa Bugelli li fil-fatt tahdem ma' l-Euro Change bhala *manager operations*. Kienet hi fil-fatt li accettat dawn it-*travelers cheques*. Tghid li dawn kienu kollha godda u li kienu f'Dollari Amerikani fl-ammont ta' tliet elef u mitejn Dollaru. Qalet li hi meta accettat dawn ic-*cheques '……kienu godda u kien hemm hafna li jixtiehbu firem u hekk in fatti staqsejt jiena, ghax jekk jergghu lura ma niehux pjacir jiena hux, qalli li kollha ta' familja wahda nafhom, m'ghandikx trouble, that's all, gew lura imma.'* (folio 50). Meta gew lura

baghtet ghal Joseph Portelli, id-depozitant, ghax ic-*cheques* gewha lura. Talabha biex jarahom, l-ewwel kien talabha kopja taghhom, it-tieni darba nnega li c-*cheques* kienu tieghu.

Mistoqsija hix certa li c-*cheques* kienu ta’ Joseph Portelli, wiegbet li kienet certa ghax bhala USD kellha dak il-lejl biss zewg *transactions*, wahda ohra ta’ Les Lapins li kienet transazzjoni zghira (folio 51). Spjegat ukoll illi l-procedura li ssir meta jircievu *travelers cheques*, u cioe’ li ssir *testing*, tohdilhom in-numru biex tkun tista’ tqabbel. Ikkonfermat ukoll illi fuq it-*travelers cheques* ta’ Les Lapins biss kien hemm timbru fuq wara, fuq ta’ Portelli zgur ma kienx hemm.

In kontro ezami kkonfermat ukoll illi meta rceviet dwar it-*travelers cheques* minghand Portelli prezenti kien hemm Joe Lagana u Mark Gatt. Dwar li hi rceviet it-*travelers cheques* bla timbre ta’ Joe Portelli wiegbet hekk:
*‘Dakinhar l-unika travelers’ cheques li kelli kienu ta’ Joseph Portelli ta’ three thousand two hundred, ghand l-listing, m’ghandix ghalfejn it-timbru tieghu, m’ghandi ghalfejn it-timbru ta’ hadd, ghax jiena l-listing tieghi naf x’qed naghmel u l-listing hemmhekk qieghed….’* (folio 60).

Fil-fatt gew ezebiti l-*listings* li ghalihom ghamlet referenza DOK IP7, folio 137A. Ara anke DOK 1 fuq ir-*receipt book* tal-Euro Change.

L-akkuzat dwar dawn it-*travelers cheques* qal nonostante li gie muri rcevuta mahruga f’ismu minn Euro Exchange ghal diversi *travelers cheques*, lid war dawn ma kinx jiftakar. Anzi minn kopja ta’ dawn ic-*cheques* jghid li ma kienx hu li pprezentahom lil Euro Exchange, mhux hu sarrafhom, jinnega li dawn ic-*cheques* qatt gew f’idejh. Jghid anzi li kieku kienu tieghu kien ikoillhom il-firma tieghu u t-timbru ta’ l-agenzija tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi rat ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet debitament ipprezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikoli addebitati lil Joseph Portelli u cioe’ 18, 183, 184, 167, u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrigwardaw il-falsifikazzjoni. Certament ghandu ragun l-Avukat Difensur illi in kwantu l-Artikolu 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkoncernaw falsifikazzjoni li saret f’att awtentiku u pubbliku, skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, allura ma jirrigwardawx il-falsifikazzjoni in kwistjoni, in kwantu dollari Amerikani la hija att pubbliku, la hija skrittura kummercjali, u lanqas wiehed ta’ bank privat.

Daqstant iehor ghandu ragun l-Avukat Difensur dwar it-teorija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghha tal-falz grossolan u dan fil-konfront ta’ l-Artikoli 167, 168 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta abbinat anke imma l-grossolanita’ ta’ din il-falsifikazzjoni ma’ l-Artikoli 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan fil-konfront tad-dollari foloz.

Anke fil-konfront ta’ l-akkuzi addebitati lil Joseph Portelli taht l-Artikoli 183, 184, 167, u 169 fil-konfront tat-*travelers cheques* (skond l-akkuzi originali) l-Avukat Difensur ghandu ragun ampju li fir-rigward ta’ dawn it-*travelers cheques* tressqet il-prova li dawn kienu misruqa minghand Thomas Cook UK. Ma ngabet ebda prova ta’ xi falsifikazzjoni fuq dawn ic-*cheques*, ghalhekk ebda reat taht l-Artikoli 183, 188, 167, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif originalment addebitati l-akkuzi, zgur li ma jirrizultawx.

Pero hija konvinta l-Qorti li jirrizulta ben car ir-reat taht l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tat-*travelers cheques*. Fil-fatt l-ingann u r-raggiri mahduma minn Joseph Portelli kienu ferm cari stante li hu kkonvinca lill-kaxxiera li t-*travelers cheques* kienu genwini, provenjenti minn familja li hu kien jaf. Ta’ bilhaqq din il-Qorti kontrarjament ghad-Difiza m’ghandha ebda dubbju li dawn it-*travelers cheques* gew imsarrfa minn Joseph

Portelli, wiehed ghandu jhares biss lejn id-dokument ezebit minn Marisa Bugelli (*ibid*).

Ghaldaqstant issib lil Joseph Portelli hati tar-reat ta’ truffa taht l-Artikolu 308 u dan in konfront tat-*travelers cheques* kif akkuzat.

Taqbel anke l-Qorti ma’ dak li qalet id-Difiza fl-inapplikabbilta’ ta’ l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 fil-konfront ta’ *travelers cheques* in kwantu l-Ligi hawn titkellem fuq biljett ta’ flus. Fil-fatt id-deskrizzjoni tal-Kapitolu 204 juri bic-car kif esponiet id-Difiza li hawn si tratta ta’ *currency* u cioe’ flus innifishom.

Pero in kwantu hekk tqis illi l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta huma appozitament addebitati in kwantu ghar-reati koncernanti d-Dollari foloz. Lanqas taqbel hawn il-Qorti mat-teorija tal-falz grossolan ghax il-Kapitolu 204 hawn qieghed jirregola mhux l-effett li dan il-falz jista’ jkollu fuq it-terz, imma x-xjenza tal-possessur tal-falz. Hawn, fl-Artikolu 45, basta li jew l-agent jiffalsifika hu xi biljett tal-flus (allura zgur mhux applikabbli t-teorija tal-falz grossolan) jew imexxi tali biljett meta xjentement jaf li hu falz. Issa dan l-Artikolu jifta’ fuq l-agent l-onu tax-xjenza u ghalhekk jinhtieg li l-agent ikun hu li jipprova (sal-grad tal-probabbli) li ma kienx jaf b’din il-falsita’. L-istess onu jinsab fl-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa Joseph Portelli certament u bla dubju kellu fil-pussess tieghu u mexxa ammont sostanzjali ta’ biljetti ta’ mitt Dollaru-il wiehed foloz, dan billi ddepozita l-istess ma’ Thomas Cook. Spicca biex anke hallas lura l-flus ekwivalenti ghat-tisrif ta’ l-istess dollari foloz lil Thomas Cook. Qal fl-istqarrija tiehgu li dawn gew minghand Delmar, fatt ghal kollox innegat minn dan, qal anzi li dawn Delmar halliehom lil martu f’zewg pakketti separati, pero qatt ma tella’ lil martu tixhed fuq dan il-fatt. Anke jekk il-grad tal-prova kombenti fuq l-akkuzat kienet sal-grad tal-probabbli, hu lanqas sa dan il-grad ma kkonvinca lill-Qorti. Frankament lanqas ma tista’ tifhem din il-Qorti ghala l-

akkuzat kellu jaghmel dan it-tip ta' pjaciri lil Delmar, cioe' li jiddepozitalu somom kbar ta' flus!!

Ghaldaqstant tqis ir-reati kkontemplati fl-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta bhala ppruvati.

Ghaldaqstant qieghda ssib lil Joseph Portelli hati fil-konfront ta' l-Artikoli 308, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in kwantu jikkoncerna t-*travelers cheques*, hati wkoll taht l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ghad-Dollari foloz. Tqisu wkoll recidiv wara li rat is-sentenzi ezebiti (folio 99 – 102). Rat ukoll il-verbal tad-Difiza f'dan ir-rigward a folio 98;
Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-fedina penali tieghu, qieset li huwa recidiv u qieghda tikkundanna lil Joseph Mary Portelli ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs;
Tordna wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti bhala DOK JP3, liema flus ghandhom jinghataw lil Bank Centrali ta' Malta;

Tilliberah mill-kumplament ta' l-akkuzi lilu addebitati in kwantu anke kif gia' premess ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------